MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Numru 369/2001

**Il- Pulizija**
**(Supretendent Lawrence Cutajar,**
**Spettur Marisa Camilleri)**

**-vs-**

**Joseph Aquilina**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmmi Joseph Aquilina ta’ 30 sena bin Paul u Helen nee’ Grech, mwieled il- Pieta’ fil- 5 ta’ Lulju 1975 u residenti Block F, Flat 13, Housing Estate Zabbar, ID 320075M.

Akkuzat talli nhar il- Gimgha 8 ta’ Gunju 2001, ghall-habta tat- tlieta neqsin kwart ta’ wara nofisnhar, f’ Marsascala

a) bil- hsieb li jaghmel feriti gravi fuq il- persuna ta' Joseph Attard wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall- esekuzjoni ta' dan id- delitt meta tefa' affarjiet iebsa fid- direzzjoni tal- istess Joseph Attard liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentiali u ndipendenti mill- volonta tieghu, u aktar talli

b) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il- persuna ta' l- istess Joseph Attard kif iccertifikaw Dr. Pierre Schembri Wismayer M.D. ta' l- Isptar San Luqa u Dr. David E. Cefai M.D. ta' Zejtun u aktar talli

c) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kkaguna hsara fiq il- vettura ta' Joseph Attard tal- marka Fiat Punto bin- numru tar- registrazzjoni IBF-019, liema hsara teccedi il- hamsin lira Maltin izda ma teccedix il- hames mitt lira, u aktar talli

d) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni DAB 594 meta ma kienx kopert b' polza ta' assikurazzjoni skond il- ligi, u aktar talli,

e) fil- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq l- istess vettura meta ma kelliex il- licenzja tas- sena kurrenti mhallsa, u aktar talli,

f) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq l- istess vettura meta ma kelliex in- numri tar- registrazzjoni, u aktar talli,

g) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Joseph Attard sabiex idejjqu u jingurjah, u aktar talli;

h) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, waddab gebel u oggetti ohra iebsin fid- direzzjoni tal- istess Joseph Attard, u aktar talli,

i) fl- istess jum, u cirkostanzi, gewwa l- isptar San Luqa, kif ukoll fl- Ghassa tal- Pulizija ta' Haz Zabbar, hedded jew ingurja lill- PS91 Michael Buttigieg, lil PC895 Anthony Busuttil u PC 159 Charles Degiorgio, persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmlu jew minhabba li kien u ghamlu dan is- servizz, jew bil-

hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzjoni ta’ dak is- servizz, u aktar talli,

j) fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, fil- pubbliku qal kliem oxxen u indicenti, u aktar talli;

k) huwa sar recediv a terminu tal- Artikolu 49 u 50 et sequitur tal- Kodici Kriminali permezz ta’ diversi sentenzi tal- Qorti li saru definittivi u ma jisthgux aktar jigu mibdula.

Semghet ix- xhieda bil- gurament, rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Illi kif qablu d- difiza u l- prosekuzzjoni fit- trattazzjoni taghhom l- akkuzat ma kkagunax ferita gravi imma ferita hafifa u fil- waqt li wettaq ir- reati kien taht provokazzjoni.

Ghalhekk fil- waqt li tillibera lill- akkuzat minn l- ewwel akkuza ssibu hati ta’ l- akkuzi l- ohra kollha.

Rat l- art. 221(1), 325(b), 339, 338, 95 tal- Kap.9 u r-regolamenti tat- traffiku.

Tikkundanna lill- hati mitejn lira Maltija (Lm 200) multa li ghanda tithallas bir- rata ta’ Lm 10 fix- xahar, l- ewwel pagament fi zmien sitt (6) xhur m’llum b’ dan li jekk jonqos li jhallas xi rata fi zmienha ikun dovut l- ammont shih u jekk ma jithallas jigi konvertit fi prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------